

32004D0791

30.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 138/31

**ID-DEĊIŻJONI Nru. 791/2004/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL,  
tal-21 ta' April 2004,**

**li tistabbilixxi program ta' azzjoni Komunitarja għall-promozzjoni ta' korpi attivi flivell Ewropew u għall-appoġġ ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikoli 149(4) u 150(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 251 tat-Trattat <sup>(2)</sup>,

Billi:

(1) It-Trattat jipprovdi li l-Komunità għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità billi tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni ta' Stati Membri, għandha timplimenta politika għal taħriġ vokazzjonali li tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni ta' l-Istati Membri, u għandha tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

(2) Id-Dikjarazzjoni ta' Laeken annessa mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' l-14 u l-15 ta' Diċembru 2001 tafferma li waħda mill-isfidi fundamentali li l-Unjoni Ewropea għandha taffronta tikkonsisti f'kif se tavviċina liċ-ċittadini għall-proġett Ewropew u għall-istituzzjonijiet Ewropej.

(3) Il-programm ta' xogħol iddettaljat fuq il-*follow-up* ta' l-għanijiet tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ fl-Ewropa <sup>(3)</sup>, adottat mill-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2002, jistabbilixxi program ta' attivitajiet li jeħtieġ appoġġ fuq livell Komunitarju.

(4) Id-Dikjarazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea magħmula fi Vjenna, l-10 ta' Diċembru 1998 fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju tad-Dikjarazzjoni Universali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, tiddikjara li l-Unjoni għandha tiżviluppa aktar il-kooperazzjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, permezz ta' attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, b'koordinazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra rilevanti, u tiżgura l-kontinwazzjoni tal-Programm Ewropew ta' Master fid-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni, organizzati minn 15-il università Ewropea.

(5) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Cologne ta' l-4 ta' Ġunju 1999 affirmaw li, sabiex tkabbar is-sostenibiltà u l-kontinwità tal-programm Ewropew ta' Masters fid-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni, "għandha tingħata aktar attenzjoni lill-kwistjoni ta' sigurtà tal-budget".

(6) Intestaturi tal-budget A-3010, A-3011, A-3012, A-3013, A-3014, A-3017, A-3022, A-3027, A-3044, B3-1000 u B3-304 tal-budget ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2003 u għas-snin finanzjarji ta' qabel urew l-effiċjenza tagħom fil-qasam ta' l-edukazzjoni u taħriġ.

(7) Il-Kulleġġ ta' l-Ewropa, li jipprovdi korsijiet post-universitarji fil-liġi, ekonomija, politika, xjenzi soċjali u umanitarji b'dimensjoni Ewropea, l-Istitut Universitarju Ewropew, li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-wirt kulturali u xjentifiku Ewropew permezz ta' edukazzjoni għola u riċerka, l-Istitut Ewropew ta' l-Amministrazzjoni Pubblika, li jħarreġ l-impjegati taċ-ċivil nazzjonali u Ewropej fil-qasam ta' integrazzjoni Ewropea, l-Akkademja tal-Liġi Ewropea fi Trier, li ttiprovdi taħriġ flivell universitarju lill-professjonisti u lill-utenti tal-liġi Ewropea, iċ-Ċentru Inter-Universitarju Ewropew għad-Drittijiet Umani u d-Demokratizzazzjoni, li jipprovdi Masters Ewropew u Programmi ta' *Advanced Internships* u servizzi oħra ta' edukazzjoni, taħriġ u riċerka għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni, l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp fl-Edukazzjoni għal Nies bi Bżonnijiet Speċjali, li taħdem biex ittejjeb il-kwalità ta' edukazzjoni għal studenti bi bżonnijiet speċjali u biex tippromwovi kooperazzjoni Ewropea sostenibbli f'dan il-qasam, u ċ-Ċentru Internazzjonali għal Taħriġ Ewropew, li jipprovdi taħlim, taħriġ u riċerka fuq il-problemi ta' l-unifikazzjoni Ewropea, tal-globalizzazzjoni, tal-federaliżmu, tar-reġjonaliżmu u tat-trasformazzjoni ta'

<sup>(1)</sup> ĠU C 32, tal-05.02.2004, p. 52.

<sup>(2)</sup> Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Novembru 2003 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2003 (ĠU C 72 E, tat-23.3.2004, p. 19), Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Marzu 2004 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2004.

<sup>(3)</sup> ĠU C 142, ta' l-14.06.2002, p. 1.

strutturi soċjali kontemporanji, huma korpi li qed ifittxu l-għanijiet għall-interess ġenerali Ewropew.

- (8) Tinħass hteġa dejjem tikber biex l-imħallfin nazzjonali jkunu mħarrġa fl-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja u biex dan it-taħriġ ikun appoġġat mill-Komunità, speċjalment wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat<sup>(1)</sup>, li jżid il-poter lill-qrati nazzjonali biex japplikaw dawn id-disposizzjonijiet tat-Trattat.
- (9) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru. 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-budget ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>(2)</sup>, hawnhekk iżjed il quddiem "ir-Regolament Finanzjarju", jimponi li jkun ipprovdut att bażiku li jkopri dawn l-azzjonijiet ta' appoġġ eżistenti.
- (10) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni mpenjaw lilhom infushom, fl-okkażjoni ta' l-adozzjoni tar-Regolament Finanzjarju, li jiksbu l-għanijiet li jiżguraw li dan l-att bażiku jidħol fis-seħħ mis-sena finanzjarja 2004; il-Kummissjoni mpenjat lilha nnifisha li tieħu in konsiderazzjoni r-rimarki mdaħħla fil-budget fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni.
- (11) Hu neċessarju li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet li għalihom il-Kummissjoni allokata appoġġ ta' fondi matul is-snin ta' qabel igawdu minn miżura adegwata ta' stabbiltà u kontinwità ta' fondi bla ħsara għar-Regolament Finanzjarju u r-regoli tiegħu ta' implimentazzjoni.
- (12) Għandu jsir provvediment għall-kopertura ġeografika tal-programm biex jiġi estiż għall-Istati Membri li se jissieħbu, u possibbilment, fil-każ ta' xi azzjonijiet, għall-pajjiżi ta' l-EFTA/ŻEE u l-pajjiżi kandidati.
- (13) Kwalunkwe finanzjament mhux komunitarju li ġej minn riżors ta' Stat għandu jikkonforma ma' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat.
- (14) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi, għad-dewma sħiħa tal-programm, qafas finanzjarju li jikkostitwixxi għall-awtorità tal-budget, matul il-proċedura annwali tal-budget, ir-referenza prinċipali fis-sens tal-punt 33 tal-Ftehim

Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina tal-budget u titjib fil-proċedura tal-budget<sup>(3)</sup>.

- (15) Kwalunkwe appoġġ awtorizzat skond din id-Deċiżjoni għandu jikkonforma strettament mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

#### Artikolu 1

#### Għanijiet u attivitajiet tal-programm

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi program ta' azzjoni tal-Komunità fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ (hawnhekk iżjed il quddiem imsejjaħ "il-programm"), biex jagħti appoġġ lill-korpi u lill-attivitajiet tagħhom li jfittxu li jestendu u japprofondixxu t-tagħrif dwar il-konstruzzjoni ta' l-Ewropa, jew li jikkontribwixxu għall-kisba ta' l-għanijiet ta' politika komuni fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ, kemm fl-intern kif ukoll fl-estern tal-Komunità.

2. L-għan ġenerali tal-programm hu li jappoġġa l-attivitajiet tal-korpi fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ.

L-attivitajiet li ġejjin huma koperti bil-programm:

- (a) il-programm ta' xogħol kontinwu ta' korp li jaħdem fil-livell Ewropew jew dinji li jsegwi għan ta' interess Ewropew ġenerali fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ jew għan li jiffirma parti mill-politika ta' l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam;
- (b) azzjoni speċifika li tippromwovi l-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam, waqt li tipprovi informazzjoni dwar integrazzjoni Ewropea u fuq l-għanijiet li l-Unjoni ssegwi fir-relazzjonijiet internazzjonali tagħha jew li tappoġġa azzjoni tal-Komunità u permezz ta' din ta' l-aħħar flivell nazzjonali.

B'mod partikolari, dawn l-attivitajiet għandhom jikkontribwixxu, jew ikunu kapaċi li jikkontribwixxu, għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni tal-politika u ta' l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni Komunitarja fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ.

<sup>(1)</sup> ĠU L 1, ta' l-04.01.03, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, tas-16.09.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 172, tat-18.6.1999, p. 1. Ftehim kif l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni 2003/429/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 147, ta' l-14.6.2003, p. 25).

3. Il-programm għandu jibda fl-1 ta' Jannar 2004 u għandu jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2006.

#### Artikolu 2

##### Aċċess għall-programm

Biex ikun eliġibbli għal konċessjoni, il-korp għandu jissoddisfa l-ħtiġiet ta' l-Anness u għandu jkollu l-karatteristiċi li ġejjin:

- (a) għandu jkun persuna ġuridika indipendenti u li ma jagħmilx profit, attiv primarjament fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ, b'għan immirat għat-tajjeb pubbliku;
- (b) għandu jkun legalment stabbilit għal aktar minn sentejn u kellu l-prospett annwali tal-kontijiet għas-sentejn ta' qabel iċċertifikat minn awditeur reġistrat;
- (ċ) l-attivitajiet tiegħu għandhom ikunu skond il-prinċipji li fuqha tibbaża l-azzjoni Komunitarja fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ u jikkunsidraw il-prijoritajiet stabbiliti fl-Anness.

F'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Kummissjoni tista' tawtorizza deroga mill-ħtiġiet li hemm fil-punt (b) ta' l-ewwel paragrafu, sakemm dan ma jikkompromettix il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità.

#### Artikolu 3

##### Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi

Parteċipazzjoni f'azzjonijiet taħt il-programm tista' tinfetaħ għal korpi stabbiliti:

- (a) fl-Istati li se jsiru Membri li ffirmaw it-Trattat fis-16 ta' April 2003;
- (b) fil-pajjiżi ta' l-EFTA/ŻEE, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim ŻEE;
- (ċ) fir-Rumanija u fil-Bulgarija, il-kondizzjonijiet għal parteċipazzjoni għandhom jiġu stabbiliti skond il-Ftehimiet Ewropej, il-protokoll addizzjonali tagħhom u d-deċizzjonijiet tal-Kunsilli ta' Assoċjazzjoni rispettivi;
- (d) fit-Turkija, il-kondizzjonijiet għal parteċipazzjoni għandhom jiġu stabbiliti skond il-Ftehim Kwadru bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija tas-26 ta' Frar 2002 dwar il-prinċipji ġenerali għall-partiċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fil-programmi tal-Komunità <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU L 61, tat-02.03.2002, p. 29.

#### Artikolu 4

##### Selezzjoni ta' benefiċjarji

Il-programm ikopri żewġ gruppi ta' benefiċjarji:

- (a) l-1 grupp: konċessjonijiet ta' operat direttament mogħtija lill-benefiċjarji mniżżla bl-isem fil-punt 2 ta' l-Anness;
- (b) it-2 grupp: appoġġ għal assoċjazzjonijiet Ewropej attivi fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ, appoġġ għal attivitajiet fil-qasam ta' edukazzjoni għolja li tikkonċerna integrazzjoni Ewropea, inklużi l-katedri Jean Monnet, appoġġ għal attivitajiet li jikkontribuwixxu għall-kisba ta' l-għanijiet futuri tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ fl-Ewropa u appoġġ għal taħriġ ta' mħallfin nazzjonali fil-qasam tal-liġi Ewropea u għall-organizzazzjonijiet għal koperazzjoni ġudizzjarja. Il-benefiċjarji huma magħżula permezz ta' sejħa għal preżentazzjoni ta' proposti skond il-kriterji ġenerali stabbiliti fl-Anness.

#### Artikolu 5

##### Għotja ta' konċessjoni

Il-konċessjonijiet mogħtija taħt l-azzjonijiet differenti tal-programm għandhom jingħataw skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-parti rilevanti ta' l-Anness.

#### Artikolu 6

##### Dispożizzjonijiet finanzjarji

1. Il-qafas finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-programm għall-perijodu speċifikat fl-Artikolu 1(3) hu hawnhekk stabbilit bħala 77 miljun EUR.
2. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità għall-budget fil-limiti tal-perspettiva finanzjarja.

#### Artikolu 7

##### Implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan il-programm skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

#### Artikolu 8

##### Kontroll u evalwazzjoni

1. Mhux aktar tard mill-3 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kisba ta' l-għanijiet tal-programm.

Dan ir-rapport għandu jkun ibbażat, fost ħwejjeġ oħra, fuq rapport ta' evalwazzjoni estern li għandu jkun disponibbli mhux aktar tard mill-aħħar ta' l-2006 u li jeżamina minn ta' l-inqas il-pertinenza u l-koerenza totali tal-programm, l-effettività tal-eżekuzzjoni tiegħu (preparazzjoni, għażla, implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet) u l-effettività totali u individwali tal-varji azzjonijiet fit-termini tal-kisba ta' l-għanijiet kif stabbiliti fl-Artikolu 1 u fl-Anness.

Il-Kummissjoni għandha barra minn hekk tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq bażi annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programm.

2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom, skond it-Trattat, jiddeċiedu dwar il-kontinwazzjoni tal-programm mill-1 ta' Jannar 2007.

#### Artikolu 9

#### **Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Strasburgu, fil-21 ta' April 2004.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

P. COX

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. ROCHE

## L-ANNESS

## 1. INTRODUZZJONI

L-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 għandhom jiġu implementati permezz ta' l-azzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness.

Dan l-Anness fih żewġ tipi prinċipli ta' azzjonijiet:

- l-ewwel tip, Azzjonijiet 1 u 2, hu immirat biex jappoġġa istituzzjonijiet partikolari jew assoċjazzjonijiet magħżula attivi fil-livell Ewropew fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ,
- it-tieni tip, Azzjoni 3, hu immirat biex jappoġġa attivitajiet jew proġetti partikolari li jiffokaw fuq integrazzjoni Ewropea (Azzjoni 3A), jew biex jappoġġa politika ta' l-Unjoni Ewropea fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ barra l-programmi tal-Komunità f'dawn l-oqsma (Azzjoni 3B), jew biex jipprovwovi taħriġ fil-liġi Ewropea, speċjalment għal imħallfin nazzjonali (Azzjoni 3C).

## 2. IMPLIMENTAZZJONI TA' L-ATTIVITAJIET OĠĠETTI GĦAL APPOĠĠ

L-attivitajiet imwettqa mill-korpi eliġibbli għal fondi Komunitarji taħt il-programm jaqgħu taħt wieħed mill-oqsma li ġejjin:

*Azzjoni 1:* Appoġġ għal istituzzjonijiet speċifiċi attivi fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ

Il-konċessjonijiet jistgħu jingħataw taħt din l-azzjoni tal-programm biex jappoġġaw ċerti spejjeż operazzjonali u amministrattivi ta' l-istituzzjonijiet li ġejjin li jsegwu għan ta' interess ġenerali Ewropew, li jaġixxu fl-oqsma li ġejjin:

- il-Kulleġġ ta' l-Ewropea (kampus ta' Bruges u Natolin) studji post-universitarju fid-dimensjoni Ewropea tal-liġi, ekonomija, xjenzi politiċi u soċjali u l-istudji umanitarji fid-dimensjoni tagħhom Ewropea,
- l-Istitut Universitarju Ewropew ta' Firenze, fil-kontribuzzjoni tiegħu għall-iżvilupp tal-wirt kulturali u xjentifiku Ewropew permezz ta' edukazzjoni għolja u riċerka,
- l-Istitut Ewropew ta' l-Amministrazzjoni Pubblika ta' Maastricht, fit-taħriġ ta' uffiċjali nazzjonali u Ewropew biex iħeġġuhom jassumu r-responsabbiltajiet tagħhom fil-qasam ta' integrazzjoni Ewropea,
- l-Akkademja tal-Liġi Ewropea fi Trier, f'edukazzjoni kontinwa flivell universitarju għal persuni professjonali u utenti tal-liġi Ewropea,
- iċ-Ċentru Inter-Universitarju Ewropew għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokratizzazzjoni għall-kontinwazzjoni tal-Masters Ewropew fid-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokratizzazzjoni, il-Programm ta' *Advanced Internship* u attivitajiet oħra ta' edukazzjoni, taħriġ u riċerka fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u demokratizzazzjoni,
- l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp fl-Edukazzjoni għal Nies bi Bżonnijiet Speċjali fit-titjib tal-kwalità ta' edukazzjoni għal nies bi bżonnijiet speċjali u l-istabbiliment ta' kooperazzjoni estensiva u għal terminu twil f'dan il-qasam,
- iċ-Ċentru Internazzjonali għal Taħriġ Ewropew fl-istudju, fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u fir-riċerka ta' problemi ta' l-unifikazzjoni Ewropea u dinjija, tal-federaliżmu, tar-reġionaliżmu u ta' l-istrutturi li jinbidlu ta' soċjetà kontemporanja, minn perspettiva federalista dinjija.

Il-Kummissjoni tista' tagħti konċessjonijiet lill-istituzzjonijiet imniżżla hawn fuq ma' riċevuta ta' pjan ta' xogħol xieraq u budget. Il-konċessjonijiet jistgħu jingħataw fuq bażi annwali jew fuq bażi li tiġġedded f'qafas ta' ftehim ta' sħubija mal-Kummissjoni.

Il-konċessjonijiet mogħtija taħt din l-azzjoni m'għandhomx ikunu suġġetti għall-prinċipju ta' tnaqqis gradwali stabbilit fl-Artikolu 113(2) tar-Regolament Finanzjarju.

L-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet sostnuti taħt din l-azzjoni jistgħu jseħħu fl-inter jew fl-estern ta' l-Unjoni Ewropea.

Ir-riżorsi li għandhom ikunu utilizzati minħabba l-Azzjoni 1 se jkunu mhux aktar minn 65 % u mhux inqas minn 58 % tal-budget totali disponibbli għal dan il-programm.

*Azzjoni 2:* Appoġġ għal assoċjazzjonijiet Ewropew attivi fil-qasam ta' l-edukazzjoni jew t-taħriġ

Il-konċessjonijiet jistgħu jingħataw taħt din l-azzjoni tal-programm biex jappoġġaw ċerti spejjeż operazzjonali jew amministrattivi ta' l-assoċjazzjonijiet Ewropew attivi fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ, li jaderixxu mal-kriterji minimi li ġejjin:

- jeżistu bħala korp li jsegwi għan ta' interess Ewropew ġenerali kif imfisser fl-Artikolu 162 tar-regoli li jimplementaw tar-Regolament Finanzjarju stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru. 2342/2002 <sup>(1)</sup>,
- jaħdmu fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ flivell Ewropew u jsegwu għanijiet ċari u definiti b'mod tajjeb fl-artikolu ta' assoċjazzjoni uffiċjali tagħhom,
- għandhom membri f'minn ta' l-inqas tnax-il Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea,
- huma magħmulin minn assoċjazzjonijiet nazzjonali, reġjonali jew lokali,
- jinsabu u għandhom statut legali f'wieħed mill-Istat Membru ta' l-Unjoni Ewropea,
- jiżvolġu l-maġġoranza ta' l-attività tagħhom fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, f'pajjiżi li jagħmlu parti miż-Żona Ekonomika Ewropea u/jew f'pajjiżi kandidati.

Il-konċessjonijiet se jingħataw taħt din l-azzjoni wara l-għażla ta' proposti ppreżentati bħala risposta għal sejħa ppublikata waħda jew aktar għal proposti. Il-konċessjoni tal-Komunità mhux se tkopri aktar minn 75 % ta' l-ispejjeż eliġibbli stabbiliti fi pjan ta' xogħol approvat għall-assoċjazzjoni. Il-konċessjonijiet jistgħu jingħataw fuq bażi annwali jew fuq bażi li tiġġedded f'qafas ta' ftehim ta' sħubija mal-Kummissjoni.

Il-konċessjonijiet mogħtija taħt din l-azzjoni m'għandhomx ikunu suġġetti għall-prinċipju ta' tnaqqis gradwali stabbilit fl-Artikolu 113(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Ir-riżorsi li se jkunu utilizzati taħt din l-Azzjoni 2 mhux se jkunu aktar minn 4 % tal-budget totali disponibbli għal dan il-programm.

*Azzjoni 3a:* Appoġġ għal attivitajiet fil-qasam ta' edukazzjoni għolja li tikkonċerna l-integrazzjoni Ewropea, inkluż il-katedri Jean Monnet

Din l-azzjoni tirrelata ma' attivitajiet li jippromwov u l-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea fil-qasam ta' edukazzjoni għolja, li jqajmu kuxjenza fil-qasam interessat f'dan il-kamp għall-integrazzjoni Ewropea u l-għanijiet li l-Unjoni ssegwi fir-relazzjonijiet internazzjonali tagħha jew tappoġġa l-azzjoni Komunitarja u permezz ta' din ta' l-aħħar flivell nazzjonali.

Attivitajiet appoġġati taħt din l-azzjoni jistgħu jseħħu f'pajjiżi fl-intern jew fl-estern ta' Unjoni Ewropea.

(1) ĠU L 357, tal-31.12.2002, p. 1.

Skond l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni, dan jirrelata partikolarment ma':

- implimentazzjoni ta' studji ta' integrazzjoni Ewropea f'universitajiet,
- ħolqien u appoġġ lill-assoċjazzjonijiet nazzjonali ta' għalliema speċjalizzati f'integrazzjoni Ewropea,
- promozzjoni ta' riflessjoni u diskussjoni dwar il-proċess ta' integrazzjoni Ewropea,
- promozzjoni ta' riċerka akkademika dwar suġġetti ta' prijorità ta' l-UE, bħall-futur ta' l-Ewropea jew djalogu bejn il-popli u l-kulturi, inkluż riċerka minn akkademiċi żgħira.

Il-konċessjonijiet se jingħataw taħt din l-azzjoni wara l-għażla ta' proposti ppreżentati b'risposta għal sejħa ppublikata waħda jew aktar għall-proposti. Il-konċessjoni tal-Komunità mhux se tkopri aktar minn 75 % ta' l-ispejjeż eliġibbli ta' attivitajiet magħżula għal fondi taħt din l-azzjoni.

Ir-riżorsi li se jkunu utilizzati taħt l-Azzjoni 3A se jkunu mhux aktar minn 24 % u mhux inqas minn 20 % tal-budget totali disponibbli għal dan il-programm.

Azzjoni 3B: Appoġġ għal attivitajiet li jikkontribwixxu għall-kisba ta' għanijiet futuri ta' sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ fl-Ewropa

Azzjoni 3B tirrelata ma' appoġġ, implimentazzjoni, attivitajiet li jqajjmu kuxjenza u promozzjoni dwar il-*follow-up* tat-tliet għanijiet tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ maqbula mill-Kunsill Ewropew għal 2010 <sup>(1)</sup>:

- titjib tal-kwalità u l-effettività tas-sistemi ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ fl-Unjoni Ewropea,
- jitħaffef l-aċċess ta' kulħadd għas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ,
- ftuħ tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ lid-dinja esterna,

u t-13 sotto-għanijiet assoċjati magħhom. Dawn l-attivitajiet jistgħu jinkludu approċċi li jħarsu 'l quddiem li jkopru l-perjodu sa' l-2010 u li jistgħu jkopri aspetti intra-Ewropew u aspetti li jikkonċernaw il-post ta' l-Ewropa fid-dinja.

It-tipi ta' attività li għandhom ikunu sostnuti taħt din l-azzjoni jikkonsistu fl-implimentazzjoni tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ, notevolment permezz ta' valutazzjoni bejn pari, skambju ta' prattiċi tajba, skambju ta' informazzjoni u definizzjoni ta' indikaturi u limiti.

Dawn l-attivitajiet huma, b'mod partikolari:

- appoġġ għal studji, inkjesti u riċerka maqgħuda għall-kisba ta' l-għanijiet konkreti tal-futuri,
- laqgħat ta' esperti, seminards, konferenzi u żjarat ta' studju li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-programm ta' xogħol iddettaljat dwar l-għanijiet,
- preparazzjoni u eżekuzzjoni ta' attivitajiet u pubblikazzjonijiet ta' informazzjoni li jfittxu biex iqajjmu kuxjenza dwar ċirkli ta' edukazzjoni taħriġ, inkluż dawn maħsuba biex jipromwovu l-azzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea f'dawn l-oqsma u biex itejbu l-kwalità, l-aċċessibilità universali u l-ftuħ għad-dinja tas-sistemi Ewropej ta' edukazzjoni u taħriġ,
- attivitajiet diversi li jappoġġaw azzjoni Komunitarja billi jinvolvu atturi tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fl-ivell nazzjonali jew Ewropew fl-oqsma ta' edukazzjoni u taħriġ.

<sup>(1)</sup> Programm ta' xogħol dettaljat dwar il-follow-up ta' l-għanijiet tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ fl-Ewropa (ĠU C 142, ta' l-14.6.2002, p. 1).

Din l-azzjoni se tkun implimentata permezz ta' konċessjonijiet mogħtija wara l-għażla ta' proposti ppreżentati bħala risposta għal sejħa waħda jew aktar għal proposti.

Il-konċessjonijiet jistgħu jingħataw lil istituzzjonijiet ibbażati f'wieħed mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, f'pajjiżi li jagħmlu parti miż-Żona Ekonomika Ewropea, jew f'pajjiżi kandidati. Għal attivitajiet li jirrelataw mat-tielet għan (ftuħ tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ lid-dinja kollha), il-konċessjonijiet jistgħu jingħataw b'mod eċċezzjonali lil istituzzjonijiet ibbażati f'pajjiżi terzi oħra.

Il-konċessjoni tal-Komunità ma tkoprix normalment aktar minn 75 % ta' l-ispejjeż eliġibbli tal-proposti magħżula.

Ir-riżorsi li se jkunu utilizzati taħt Azzjoni 3B se jkunu mhux aktar minn 14 % u mhux inqas minn 9 % tal-budget totali disponibbli għal dan il-programm.

*Azzjoni 3C: Appoġġ għal taħriġ ta' mħallfin nazzjonali fil-qasam tal-liġi Ewropea*

Il-konċessjonijiet jistgħu jingħataw taħt din l-azzjoni biex jappoġġaw azzjonijiet meħuda minn organizzazzjonijiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja u azzjonijiet oħra maħluqa biex jippromovwu taħriġ fil-liġi Ewropea, notevolment għal imħallfin nazzjonali.

Attivitajiet sostnuti taħt din l-azzjoni jistgħu jseħħu fi Stati Membri, f'pajjiżi fiż-Żona Ekonomika Ewropea, jew f'pajjiżi kandidati.

Il-konċessjonijiet se jingħataw taħt din l-azzjoni wara l-għażla ta' proposti ppreżentati bħala risposta għal sejħa ppublikata waħda jew aktar għal proposti. Il-konċessjoni tal-Komunità ma tkoprix normalment aktar minn 75 % ta' l-ispejjeż eliġibbli ta' l-attività stabbilita fi pjan ta' xogħol approvat.

Ir-riżorsi li se jkunu utilizzati taħt l-Azzjoni 3C mhux se jkunu aktar minn 4 % tal-budget totali disponibbli għal dan il-programm.

### 3. TRASPARENZA

Il-benefiċjarju ta' konċessjoni mogħtija taħt kwalunkwe parti tal-programm għandu jindika f'post prominenti, bħal homepage ta' sit fuq l-internet jew rapport annwali, li rċieva l-fondi mill-budget ta' l-Unjoni Ewropea.

### 4. KRITERJA GĦALL-VALUTAZZJONI TA' L-APPLIKAZZJONIJET GĦAL FONDI

Talbiet għal konċessjoni ppreżentati bħala risposta għal sejħa għal proposti se jkunu vvalutati fir-rigward tal-kriterji li ġejjin:

- relevanza għall-għanijiet tal-programm u għall-azzjoni speċifikata kkonċernata,
- relevanza għal kwalunkwe prijorità jew kriterji oħra stabbiliti fis-sejħa għal proposti,
- il-kwalità għall-proposta,
- l-impatt probabbli tal-proposta fuq l-edukazzjoni u/jew taħriġ flivell Ewropew.

### 5. SPIŻA ELIĠIBBLI

Waqt li jkun stabbilit l-ammont ta' konċessjoni mogħtija taħt kwalunkwe azzjoni tal-programm, il-Kummissjoni tista' tagħmel rikors għal finanzjament b'rata fissa bbażat fuq parametric ppubblikati ta' l-ispejjeż unitarji.



Għal konċessjonijiet mogħtija fl-2004, se jkun possibli għall-perijodu ta' l-eliġibbiltà ta' spiża li jibda fl-1 ta' Jannar 2004, sakemm l-ispiża ma tkunx qabel id-data li fiha tkun mitfugħa l-applikazzjoni jew id-data li fiha tibda s-sena ta' budget tal-benefiċjarju.

Matul 2004, fil-każ ta' benefiċjarji li s-sena ta' budget tagħhom tibda qabel l-1 ta' Marzu, tista' titħalla eċċezzjoni għall-obbligu li l-ftehim ta' konċessjoni jkun iffirmat matul l-ewwel erba' xhur mill-bidu tas-sena tal-budget tal-benefiċjarju, kif imsemmi fl-Artikolu 112, paragrafu 2 tar-Regolament Finanzjarju. F'dan il-każ, il-ftehim ta' konċessjoni għandu jkun iffirmat sa' mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2004.

## 6. ĠESTJONI TAL-PROGRAMM

Fid-dawl ta' l-analiżi ta' l-ispejjeż/benefiċċju, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tafda l-kompiti kollha jew parti minnhom tal-ġestjoni tal-programm ta' aġenzija eżekuttiva, b'konformità ma' l-Artikolu 55 tar-Regolament Finanzjarju. Tista' tagħmel ukoll rikors għall-esperti kif ukoll għal kwalunkwe spiża oħra dwar assistenża teknika u amministrattiva, li ma tinvolvi l-eżerċizzju ta' awtorità pubblika, subappaltat skond kuntratti ta' servizzi ad hoc. Tista' wkoll tiffinanzja studji u torganizza laqgħat ta' esperti li jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-programm, u tiegħu r-responsabbiltà ta' azzjonijiet ta' informazzjoni, pubblikazzjoni u tixrid magħquda direttament għall-kisba ta' l-għanijiet tal-programm.

## 7. KONTROLLI U VERIFIKA

- 7.1. Il-benefiċjarju ta' konċessjoni għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni d-dokumenti kollha ta' sostenn dwar spiża minfuqa matul is-sena ta' konċessjoni, inkluż ir-rendikont finanzjarju ta' verifika, għal perijodu ta' ħames snin wara l-aħħar pagament. Il-benefiċjarju ta' konċessjoni għandu jiżgura li, fejn xieraq, dokumenti ta' sostenn fil-pussess ta' soċji jew membri jkunu disponibbli għall-Kummissjoni.
- 7.2. Il-Kummissjoni tista' tagħmel verifika ta' l-użu magħmul mill-konċessjoni jew direttament permezz tal-persunal tagħha jew permezz ta' korp barrani ieħor kwalifikat ta' l-għażla tagħha. Dawn il-verifiki jistgħu jitwettqu matul id-dewma kollha tal-ftehim u għal perijodu ta' ħames snin mid-data tal-ħlas tal-bilanċ. Fejn xieraq, ir-riżultati ta' dawn il-verifiki jistgħu jwasslu għal deċiżjonijiet ta' rkupru mill-Kummissjoni.
- 7.3. Il-persunal tal-Kummissjoni u persunal barrani awtorizzat mill-Kummissjoni għandhom dritt xieraq ta' aċċess, b'mod partikolari għall-uffiċċji tal-benefiċjarju u għall-informazzjoni kollha, inkluż l-informazzjoni f'format elettroniku, b'żonnjuża sabiex jistgħu jsiru dawn il-verifiki.
- 7.4. Il-Qorti ta' l-Awdituri u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) igawdu mill-istess drittijiet, speċjalment dawk għal aċċess, tal-Kummissjoni.
- 7.5. Sabiex ikunu protetti l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej kontra frodi u irregolaritajiet oħra, il-Kummissjoni tista' twettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post taħt dan il-programm skond ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru. 2185/96 <sup>(1)</sup>. Fejn neċessarju, l-investigazzjonijiet għandhom jitwettqu mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u dawn għandhom ikunu regolati mir-Regolament (KE) Nru. 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU L 292, tal-15.11.1996, p. 2.

<sup>(2)</sup> ĠU L 136, tal-31.05.1999, p. 1.